Kunsill Lokali - Il-Fgura

# Rapport Amministrattiv
# Sena 2025

## Il-Werrej

IL-WERREJ ..... 1
IL-KUNSILL ..... 3
RESPONSABBILITAJIET TAL-KUNSILLIERA ..... 4
LAQGĦAT ĠENERALI ANNWALI ..... 5
IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL ..... 6
ILMENTI U SUĠĠERIMENTI ..... 6
LAQGĦAT ..... 7
PRESS CONFERENCES U ŻJARAT ..... 7

INIZJATTIVI OĦRA LI L-KUNSILL KIEN PARTEĊIPI FIHOM HUMA F'DAWN L-INIZJATTIVI: 8

XOGĦOL IEĦOR IMWETTAQ MILL-KUNSILL ........ 8

XOGĦOL MILL-ĦADDIEMA TAR-REĠJUN ........ 10

ATTIVITAJIET ........ 10

INIZJATTIVI ........ 15

FINANZI ........ 17

KONKLUŻJONI ........ 18

# Il-Kunsill

Il-Kunsill Lokali tal-Fgura, raħal b'popolazzjoni ta' madwar 14,000 huwa magħmul minn disa' kunsilliera eletti. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, kienet immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza ta' ħames impjegati tal-Kunsill u sitt impjegati oħra (full/part time u anke bi bżonn speċjali minn District Operations u RSSL) għax-xogħol tal-Uffiċċju.

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Kumitati/Sotto Kumitati, bil-għan li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjanijiet tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali. Bħala Sotto Kumitati nsibu Sotto Kumitat Finanzi, Sotto Kumitat għall-Immaniġġjar u s-Senjalazzjoni tat-Traffiku u s-Sotto Kumitat Residential Parking Scheme, Sotto Kumitat Byelaws, Sotto Kumitat Tender Adjudication Board, Sotto Kumitat Interviewing Board, Sotto Kumitat Onorifiċenzi u Sotto Kumitat Nisa` fis-Soċjeta`. Dawn jiltaqgħu perjodikament.

Il-Kunsill elett matul din il-leġiżlatura beda jopera b'effett mill-1 ta' Lulju 2024. Din il-leġiżlatura hija ppjanata li jkollha terminu ta' ħames snin, jiġifieri sas-sena 2029, bħala parti minn proċess li se jġib it-terminu ta' leġiżlatura, dak ta' ħames snin għal kull Kunsill Lokali.

**Il-Membri tal-Kunsill minn 1 ta' Lulju, 2024**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Clayton Cascun Portelli | Sindku |
| Is-Sur Darren Marmara` | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| Is-Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| Is-Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| Is-Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| Is-Sur Adrian Tanti | Kunsillier |

# Responsabbilitajiet tal-Kunsilliera

**Clayton Cascun Portelli – Sindku**

Onorifiċenzi, Sorveljanza Funzjonijiet tal-Kunsill Lokali Staff, Amministrazzjoni u Ħaddiema, Finanzi, Ċentru Ċiviku, Konsultazzjoni, Relazzjonijiet mal-Għaqdiet, Sigurtà, Qasam Soċjali, Reklamar tat-Toroq, Bye-Laws, Proġett tal-Foss, Indafa.

**Darren Marmara` - Viċi Sindku**

Żamma ta' Bankini u Aċċessibilta', Devoluzzjoni ta' artijiet, Awtorita' tal-Ippjanar

**Charles Bonello – Kunsillier**

Kultura u Wirt Storiku, Ambjent/Siġar, Wied Blandun, Ħidma Internazzjonali u Skambji

**Ray Deguara – Kunsillier**

Ħarġiet mill-Kunsill, Day Centre, Anzjani

**Mark Lombardo – Kunsillier**

Koordinazzjoni ta' Jum il-Fgura u Festa tal-Paroċċa u Tiżjin tal-Milied, Edukazzjoni, Librerija Gejtu Grech, Ktieb Storja tal-Fgura

**Izak Catania De Giovanni - Kunsillier**

Innovazzjoni, Żgħażagħ, Persuni bi Bżonnijiet Speċjali

**Josianne Scicluna – Kunsilliera**

Nisa` fis-Soċjeta`, Trasport Pubbliku u Saħħa

**Ryan Ellul – Kunsillier**

Immaniġjar tat-traffiku, Toroq u Infrastruttura, Qasam Bini tal-Gvern, Fondi Ewropej, Proġetti Kapitali, Soft Areas

**Adrian Tanti – Kunsillier**

Sports, Servizzi (dawl, Ilma Wastewater), Ħarsien tal-Annimali

# Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2025 inżammu **dsatax-il (19)** laqgħa li **sebgħa (7)** minnhom kienu b'urġenza. L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt.

L-attendenza tal-Kunsilliera matul is-sena 2025 hekk kif tidher hawn taħt fit-tabella:

| Kunsilliera | Laqgħat | Preżenti | Skużat/a | Assenti | % ** |
|---|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku Clayton Cascun Portelli | 19 | 19 | 0 | 0 | 100 |
| Il-Viċi Sindku Darren Marmara | 19 | 4 | 7 | 8 | 21 |
| Il-Kunsillier Charles Bonello | 19 | 15 | 3 | 1 | 79 |
| Il-Kunsillier Ray Deguara | 19 | 18 | 1 | 0 | 95 |
| Il-Kunsillier Mark Lombardo | 19 | 19 | 0 | 0 | 100 |
| Il-Kunsillier Izak Catania De Giovanni | 19 | 15 | 4 | 0 | 79 |
| Il-Kunsilliera Josianne Scicluna | 19 | 16 | 3 | 0 | 84 |
| Il-Kunsillier Ryan Ellul | 19 | 12 | 6 | 1 | 63 |
| Il-Kunsillier Adrian Tanti | 19 | 10 | 7 | 2 | 52 |

** Persentaġġ maħdum fuq il-preżenti biss

## Laqgħat Ġenerali Annwali

Din is-sena saru **tlett (3)** laqgħat annwali, fit-8 ta' Jannar fejn ġie preżentat l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2025, fid-9 ta' April fejn ġie ppreżentat ir-Rapport Amministrattiv flimkien mar-rapporti ta' ħidma tal-Kunsilliera, kif ukoll ir-rapport Finanzjarju għas-sena preċedenti u fit-3 ta' Diċembru fejn ġie preżentat l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2026.

# Il-Hidma tal-Kunsill

Matul is-sena kalendarja 2025 saru **dsatax-il (19)** laqgħa tal-Kunsill, li jinkludu **sebgħa (7)** laqgħat li saru b'urġenza. Seħħew ukoll **tlett (3)** laqgħat annwali. Matul dawn il-laqgħat ġew imressqa mitejn u tmienja u disghin **(298)** mozzjoni.

Intbagħtu mat-**tletin elf (30,000)** *e-mail*, ittri u korrispondenza bħal *messenger* tal-*Facebook page* tal-Kunsill, filwaqt li ġew ipproċessati mal-**ħames t'elef, mija u disgħa u sebgħin (5,179)** permessi dwar xogħolijiet varji fil-lokal. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, *scaffoldings*, attivitajiet bħal twaqqif ta' mwejjed u siġġijiet u anke kjosk, tqegħid ta' skips, *no parkings*, *boundary walls* u tħaffir ta' toroq. Kwalunkwe' ċittadin għandu l-faċilita` li jiġbor diversi applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Kunsill ukoll.

Saru **ħamsa u għoxrin (25)** bankarella (stalls) sabiex jintużaw għall-okkażjonijiet bħal Milied, festi u esibizzjonijiet. Dawn jistgħu jiġu mikrija ukoll, bi ħlas, mill-Kunsill.

# Ilmenti u Suġġerimenti

Matul is-sena 2025, il-Kunsill irċieva mhux iktar minn **1,049** ilment u suġġeriment, li 99.6**%** tal-ilmenti u suġġerimenti ġew magħluqa, filwaqt li 0.4% baqgħu ma' ġewx solvuti sal-aħħar tas-sena 2025. Dawn il-figuri jixhdu li l-Kunsill jirreġistra bir-reqqa kull ilment u suġġeriment li jasal. Din is-sistema tghin lill-Kunsill biex ikun iktar kontabbli fir-rigward tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista' jżomm kontroll tal-ilmenti li jkunu għadhom pendenti.

Il-parti l-kbira tal-ilmenti ġew magħluqa permezz ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-RSSL – Resource Support and Services Ltd, mill-ħaddiema tad-District Operations u kif ukoll mill-ħaddiema tar-Reġjun.

Din it-tabella turi dawn il-figuri msemmija fir-rigward tal-ilmenti u suġġerimenti għas-sena 2025.

| 2025 | ILMENTI / SUĠĠERIMENTI | PERSENTAĠĠ |
|---|---|---|
| MAGĦLUQA | 1045 | 99.62% |
| PENDENTI | 4 | 0.40% |

1) Saru **tlett (3)** talbiet għal applikazzjonijiet ta' bozoz ġodda u mal-**mija u sebgħa u għoxrin** talba **(127)** sabiex jiġu msewwija bozoz eżistenti. Din is-sena sar tibdil tal-bozoz antiki kollha tal-Lokal bl-għajnuna minn Enemalta (finanzjarjament) flimkien mal-Kuntrattur.

## Laqgħat

Saru ta' l-inqas **mitejn (200)** laqgħa li organizza l-Kunsill jew li kien parteċipi fihom. Dawn kienu jinkludu laqgħat tas-Sindki u l-Viċi Sindki; mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Infrastruttura Malta, Transport Malta, ISPY, Għaqdiet tal-lokal, Perit tal-Kunsill, Avukat tal-Kunsill, *Active Ageing and Community Care*, *Data Protection Officer*, *Tenderer*, Planning Authority, Dipartiment tal-Artijiet, Pulizija tal-Komunità`, Pulizija distrettwali, mal-Kuntrattur tal-ġbir tal-iskart goff, kuntrattur ta' *soft areas*, kuntrattur tal-Infrastruttura (*patching*), Perit ta' Infrastruttura Malta, Ambjent Malta, Public Works, Perit tal-WSC, Dipartiment tal-Gvern Lokali, Sports Malta, Kuntratturi tar-restawr fuq diversi proġetti li saru u dawk li għadhom mhux finalizzati, kenniesa, District Operations, kuntrattur tad-dawl tat-toroq, *Accountant* tal-Kunsill, *Project Green*, President tar-Reġjun, Direttur Artistiku fi ħdan Reġjun Port, Sotto Kumitati fi ħdan il-Kunsill, Cleansing and Maintenance Division, Kuntratturi tad-dwal tal-Milied, *Counselling Mental Health* u *Victim Support Agency*, u bosta residenti.

## Press Conferences u żjarat

Il-Kunsill attenda diversi konferenzi stampa, fejn dan il-Kunsill laqa` żewġ konferenzi fis-sala tal-Kunsill. Dawn huma -

- *Identity Cards Renewal Service* f'Settembru 2025
- Iffirmar tal-Ftehim ta' Qbil (MoU) bejn ir-Reġjun Port u d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali (Reġjun Kulturali għas-Sena 2026) f'Novembru

Dan il-Kunsill kellu żjara ukoll mis-Sinjura Dr Lydia Abela fejn tnediet il-kampanja *'Rigal b'Imħabba'* għal żmien il-Milied, sabiex jinġabru rigali u jitqassmu lit-tfal inqas ixxurtjati.

**Inizjattivi oħra li l-Kunsill kien parteċipi fihom huma f'dawn l-inizjattivi:**

- *World Down Syndrome* Day f'Marzu
- *World Autism Awareness* Day f'April
- *Fibromyalgia Awareness* f'Mejju
- *Breast Cancer Awareness* f'Ottubru
- *Men's Health Awareness Movember* f'Novembru
- *Rigal b'Imħabba f'Diċembru*

# Xogħol ieħor imwettaq mill-Kunsill

- Ċentru għal matul il-jum għall-anzjani (*Day Centre*) kull nhar ta' Tlieta filgħodu mit-08:00 sas-14:00.

- Korsijiet tal-Erobika u Zumba li saru kull nhar ta' Ġimgħa esklussivament b'xejn għar-residenti tal-Fgura. Dawn saru fis-sala tal-Kunsill u kienu organizzati u mħallsa mill-Kunsill Lokali għar-residenti tal-Fgura.

- Sezzjonijiet tal-*line dancing* kull nhar ta' Erbgħa filgħodu b'xejn għar-residenti tal-Fgura.

- Kull nhar ta' Ħamis filgħodu qed isiru sessjonijiet ta' krafts mtellgħa mis-Sna Mary Cini.

- Intlaqgħu **sitt elef, u tlieta u sittin (6,063)** talba mir-residenti biex jinġabar Skart Goff (*Bulky Refuse*) minn wara l-bibien tad-djar residenzjali.

- Lezzjonijiet tal-Malti u l-Ingliż kull nhar ta' Tnejn u Ħamis fil-binja tal-Kunsill.

- Junior Science Club – Kull nhar ta' Erbgħa fl-iskola Primarja.

- 2 studenti mill-MCAST għamlu 20 siegħa kull wieħed xogħol komunitarju fil-Librerija Lokali.

- Seħħew tliet ġranet tal-ktieb fis – 7, 8, 9, ta' April 2025, fejn kien hemm zjarat mill-klassijiet ta' Skola A u B.

- Donazzjoni ta' € 1,050 f'kotba mill-*Malta Libraries*.
- Donazzjoni ta' kotba użati mill-Pubbliku kien ta' 499.
- Membri ġodda mill-1 ta' Jannar 2025 sal-aħħar ta' Diċembru kien ta' 160.
- Attendew sabiex jinselfu kotba 11,867 membru, żieda ta' 1,323 membru mis-sena 2024.
- Kull nhar ta' Tnejn mid-09:30 sal-10:30, għat-tfal ta' etajiet minn sentejn sa sitt snin Aqra Miegħi/*Read with me*, wieħed bil-Malti u l-ieħor bl-Ingliż fil-librerija tal-Fgura.
- Il-Kunsill għen ukoll fil-formazzjoni edukattiva ta' **erbatax (14)**-il student bil-għan li jesperjenzaw u jitgħallmu dwar il-ħidma tal-Kunsill. Kien hemm ukoll student mill-MCAST li għamel 580 siegħa ta' apprentistat fil-Kunsill Lokali.
- Ta' spiss sar friskar tas-sinjali tat-toroq.
- **Fuq talba tal-Kunsill saru diversi toroq fil-lokal bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali u Infrastructure Malta**
  - Triq il-Karmnu
  - Triq is-Summiena
  - Triq il-Pitirross
  - Triq l-Għasfur tal-Bejt
  - Triq il-Merħba
  - Triq Sant'Antnin
  - Triq Nazzareno Farrugia
  - Triq Blondell
  - Triq Kent
  - Triq l-14 ta' Diċembru 1945
- Inbidlu diversi tabelli.
- Ġew mimlija ħofor bit-tarmak f'diversi toroq.

- Tkompla il-proġett taż-żona ta' Triq il-Pitirross, Triq l-Għasfur tal-Bejt u Triq is-Summiena fejn tbiddlu s-servizzi tal-ilma u drenaġġ, u t-toroq tlestew bit-tarmak.
- Is-servizz tal-Vann Elettroniku matul is-sena wassal madwar **elf, mija u sebgħin (1172)** resident, minn u lejn Poliklinika u servizzi tas-saħħa fil-madwar.
- Servizz ta' Counselling *one to one* b'appuntament dirett mal-istudenti tal-psikoloġija.

## Xogħol mill-ħaddiema tar-Reġjun

Dan il-kunsill iggwadanja mix-xogħol imwettaq mill-ħaddiema tar-Reġjun. Fost ix-xogħolijiet li għamlu kien hemm:

1) *Railing* tal-ħadid mad-dawra tal-iskola.
2) Struttura tal-*gysum boards* fil-garaxx tal-Kunsill Lokali sabiex jintuża bħala *store.*
3) Raff fil-garaxx tal-Kunsill sabiex ikun hemm aktar spazju u jkun hemm lok fejn jintrefgħu l-affarijiet b'mod ordnat u sigur.

## Attivitajiet

- **Ħarġa Friday Night Out**, The Square Mosta **– Il-Ġimgħa 24 ta' Jannar**
- **Sessions of Chair Yoga & Aromatherapy - 25 ta' Jannar**
- **Attivita' għat-tfal tal-iskola fl-okkażjoni tas-60 sena anniversarju tal-Parroċċa – 31 ta' Jannar** Attivita' relatata ma' Jum il-Fgura, ġew 2 klassijiet mill-iskola Primarja A u B fi Triq Nazzareno Farrugia fejn it-tfal ippreżentaw kitba, poeżiji u t-tpenġijiet tagħhom relatati mal-Fgura.
- **Ġurnata Sqallija - L-Erbgħa 19 ta' Frar**

- **Sessions of Hatha Yoga & Wellness Talk – 22 ta' Frar**

- **Karnival – 2 ta' Marzu** - Quddiem il-Kunsill avveniment annwali, diversi żfin, kant, mużika u arti relatati mal-Karnival.

- **Jum il-Mara, Niċċelebraw in-Nisa – 7 ta' Marzu** Attivita' fejn ingħataw rikonoxximenti lil nisa għal ħidma u/jew għajnuna volontarja tagħhom mar-residenti tal-Lokal.

- **Chair Yoga – 15 ta' Marzu**

- **Chair Yoga u Talk fuq għarfien taż-Żejt taż-Żebbuġa – 29 ta' Marzu**

- **Il-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa - Ftuħ 4 ta' April** Wirja ta' vari u mudelli tal-Ġimgħa Mqaddsa mill-Esebitur Keziah Ellul

- **Crafts Session bit-tema għal żmien l-Għid – 12 ta' April**

- **Ħarġa Tema tal-Ġimgħa Mqaddsa, Għawdex – Il-Ħadd 13 ta' April**

- **Mixegħla – 17 ta' April - ħidma tal-Kunsill u Kuns C Bonello** L-attivita' tikkonsisti fi fjakkoli u xemgħat mifruxa fuq central strips, fuq ir-roundabouts, kif ukoll xemgħat mifruxa fuq iz-zuntier tal-knisja, fuq it-turġien li jwasslu għall-knisja, b'passaġġ sigur sabiex in-nies ikunu jistgħu jidħlu u joħorġu mill-knisja. Triq il-Karmelitani tkun imzejna wkoll bix-xemgħat.

- **In-Nisa' fix-Xogħol u Jum l-Omm – 2 ta' Mejju** Attivita' fejn saru żewġ okkazzjonijiet f'serata waħda. Żewg okkazzjonijiet li niċċelebraw f'Mejju, dawn huma 'Jum il-Ħaddiem' u 'Jum l-Omm'. Ġew mistiedna nisa' fejn ġew jitkellmu dwar ix-xogħol u l-karriera tagħhom fosthom membri parlamentari.

- **Yoga Session – 23 ta' Mejju**

- **Festa ta' Tfal – 28 ta' Mejju** Attivita' fejn ħadu sehem il-Banda u l-Kummissjoni Festa Esterna flimkien mat-tfal tal-Iskola tal-Fgura Primarja A u B. Saret quddiesa speċjali fil-Knisja Parrokkjali u l-Kunsill ħa ħsieb din l-attivita', b'purċissjoni bil-vara mill-iskola sal-Knisja.

- **Ħarġa sal-Imdina – L-Erbgħa 11 ta' Ġunju**

- **Ħarġa sal-Palazz ta' Sant'Anton – Il-Ħamis 26 ta' Ġunju**

- **Harbour Cruise – L-Erbgħa 13 ta' Awwissu**

- **Kors 3D Printing – Settembru**

- **Yoga Session – 20 ta' Settembru**

- **Tberik tal-annimali – 5 ta' Ottubru** – Attivita' li saret fuq iz-zuntier tal-Knisja fejn ir-residenti ġabu l-pets tagħhom għat-tberik tal-annimali. Kull min ġie, ingħata 'keychain' bħala tifkira ta' din l-attivita'.

- **Ħiliet il-Fgurin No.6 - Ftuħ 11 ta' Ottubru** Esebitur Vincent Borg Ħiliet il-Fgurin – Wirja ta' Arti minn Artisti mill-Fgura. Din is-sena kellna Wirja waħda fejn tkompli mal-Wirjiet li saru s-sena ta' qabel. Il-Wirja saret ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku tul ta' 3 ġimgħat matul il-ħinijiet tal-Kunsill. L-Arti tikkonsisti f'pitturi u aktar kollox maħdum bl-idejn.

- **Ġurnata Sqallija – L-Erbgħa 15 ta' Ottubru**

- **Yoga Session – 18 ta' Ottubru**

- **Jum il-Fgura – Saru 2 Attivitajiet matul l-aħħar ġimgħa ta' Ottubru – 21 ta' Ottubru u 22 ta' Ottubru – Flimkien ma' Sindku C Cascun Portelli** ġie ċċelebrat Jum il-Fgura fl-Iskola Primarja A u B fejn waqt l-assembly ingħata tagħrif dwar postijiet ta' nteress fil-lokal. Wara l-assembly inġbarna fil-Hall tal-iskola flimkien ma' xi klassijiet fejn it-tfal ipparteċipaw billi kellhom xi domandi x'jistaqsu li s-Sindku u lill-Kuns Mark Lombardo.

- **Jum il-Fgura Kunċert – 24 ta' Ottubru** Kunċert fl-Iskola Primarja A bl-isem 'Minn Xbihatek Ħadt Ismi'. Il-Kunsilliera fil-lista msemmija qassmu r-rikonoxximenti lill-persuni nominati.

| | | |
|---|---|---|
| Clayton Cascun Portelli | Glenn Micallef | Ġieħ il-Fgura |
| Darren Marmara | Jurgen Zerafa | Rikonoxximent |
| | Andrew Zarha | Stilel Fgurin |
| Charles Bonello | Christian Brincat | Ħajr il-Fgura |
| | Edwin Farrugia | Stilel Fgurin |
| Ray Deguara | Liana Saliba Gazzano | Rikonoxximent |
| | Joseph Bonello | Rikonoxximent – Post Mortem |
| Mark Lombardo | Omar Cassar | Ħajr il-Fgura |
| | Joseph Carabott | Rikonoxximent – Post Mortem |
| Izak Catania De Giovanni | Anthony Abdilla | Ħajr il-Fgura |
| | Joe Agius | Rikonoxximent – Post Mortem |
| Josianne Scicluna | Fr Herman Duncan | Ħajr il-Fgura |
| | Augusto Cardinale | Stilel Fgurin |
| Dott Ryan Ellul | Louis Caruana | Ħajr il-Fgura |
| | Paul Mizzi | Stilel Fgurin |
| Adrian Tanti | Paul Mallia | Rikonoxximent |
| | Shania Degiorgio | Stilel Fgurin |

- **Jum il-Fgura – 26 ta' Ottubru** Korteo li telaq minn quddiem il-Każin tal-Banda sal-Knisja Parrokkjali. Wara l-quddiesa saret ċerimonja ta' Jum il-Fgura fi Pjazza Reggie Miller.

- **Pink October & Movember – 31 ta' Ottubru –** Attivita' fejn kien hemm 'dance yoga' u kif ukoll wellbeing talk. Waqt l-attivita' nġabru donations għal 3 NGO's.

- **Yoga Session – 8 ta' Novembru**

- **Ħarġa Friday Night Out**, Bottegin Palazzo Xara Rabat – **Il-Ġimgħa 14 ta' Novembru**

- **Yoga Session – 21 ta' Novembru**

- **Il-Wirja Twelid il-Messija – Ftuħ 5 ta' Diċembru** Wirja ta' presepji differenti mill-Esebitur Keziah Ellul. Din is-sena pparteċipaw 3 studenti mill-Iskola Primarja A fejn esebixxew il-prespji maħdumin minnhom.

- **Pjazza fil-Milied – 6 u 7 ta' Diċembru** Attivita' tal-Milied għall-familja mifruxa fuq jumejn ġewwa Pjazza Reggie Miller fejn waqt l-attivita' nġabru donazzjonijiet għall-MCCF. Ġew preżentati ċertifikati lil dawk it-tfal li ħadu sehem fl-ornament riċiklabbli. L-avveniment jinkludi divertiment, stands tal-ikel, attrazzjonijiet għat-tfal, rikbiet bil-ferrovija, band lokali, stands tal-artiġjanat u attrazzjonijiet oħra.

- **Ħarġa Tema tal-Milied, Għawdex – Is-Sibt 13 ta' Diċembru**

- **Ħarġa Pantomina – Il-Ħadd 14 ta' Diċembru**

- **Christmas Party għall-anzjani li jattendu d-Day Centre** ġewwa s-sala tal-Kunsill – **It-Tlieta 16 ta' Diċembru**

- **Yoga Session & Christmas Party – 18 ta' Diċembru**

# Inizjattivi

### Inizjattiva Oħloq Maskra għall-Karnival

Bħalma saret fis-snin preċedenti, din is-sena wkoll reġgħet saret l-inizjattiva għat-tfal tal-Fgura bl-isem ta' 'Oħloq Maskra għall-Karnival' fejn kellna 'il fuq minn **tmienja u tletin (38)** parteċipant. Il-maskri kollha saru minn tfal bejn is-sentejn (2) u t-tnax (12)-il sena u kien hemm varjeta` kbira.

### Automated External Defibrillator (AED)

Din is-sena l-Kunsill investa f'AED *device* li twaħħlet mal-binja tal-Kunsill Lokali, sabiex tkun aċċessibbli għal użu tal-pubbliku f'kull ħin f'każ ta' *cardiac arrest*, sakemm tasal l-ambulanza.

### Inpinġu għall-Milied

Din l-inizjattiva saret annwali u tkun mistennija minn bosta tfal. Tpinġijiet varji u kollha sbieħ b'sinifikat wieħed. Ħadu sehem **tlieta u ħamsin (53)** tifel u tifla sabiex tibqa titrawwem it-tradizzjoni u l-kultura tal-Milied tagħna l-Maltin.

### Kompetizzjoni tal-isbaħ faċċata ta' dar armata għal żmien il-Milied

Din is-sena wkoll reġgħet saret il-kompetizzjoni tal-isbaħ faċċata ta' dar armata għal żmien il-Milied. Kellna **ħames (5)** faċċati parteċipi fejn tqabbdet ġurija biex tieħu ħsieb din il-kompetizzjoni. Din il-kompetizzjoni ġiet imtellgħa permezz ta' rigali offruti minn Chain Supermarket.

### Armar fit-toroq għall-Milied

Bħal kull sena dawn id-dekorazzjonijiet tal-Milied intlaqgħu b'mod tajjeb mill-komunita` tal-Fgura għax isebbħu t-toroq tal-Fgura. Is-siġra tal-Milied bi struttura tal-ħadid ġiet armata fi *Pjazza Reggie Miller*. Dan it-tiżjin tal-Milied żejjen it-toroq tal-Fgura bejn l-1 ta' Diċembru 2025 u s-7 ta' Jannar 2026.

## Live Streaming

Il-Kunsill baqa' jxandar il-laqgħat tiegħu permezz tal-*internet*. Ix-xandir tal-Laqgħat tal-Kunsill huwa aċċessibbli permezz ta' *link* tal-*live streaming*: Live Streaming - Fgura

# Finanzi

Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2025 jinsab anness ma' dan ir-rapport bħala ANNESS 2.

Hawn taħt wieħed għandu jsib tabella li tikkompara d-dħul u l-infiq għas-snin 2024 u 2025.

| | Perċentwali | SENA | Żieda jew Tnaqqis | Perċentwali | SENA |
|---|---|---|---|---|---|
| | Total 2025 | 2025 | fuq is-sena ta' qabel | Total 2024 | 2024 |
| | % | € | € | % | € |
| **Dħul** | | | | | |
| Mill-Gvern | 88.66 | 743,829 | (94,719) | 89.29 | 838,548 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | | | (35,663) | 3.8 | 35,663 |
| Dħul Supplimentari | - | | | - | - |
| Grants Released | - | | - | - | - |
| Minn Bye Laws | 5.01 | 42,057 | 9,601 | 3.46 | 32,456 |
| Mis-sistema ta' infurzar legali | 1.04 | 8,707 | 3,943 | 0.51 | 4,764 |
| Ġenerali | 5.29 | 44,369 | 16,672 | 2.94 | 27,697 |
| **Total** | 100.00 | **838,962** | **(100,166)** | 100 | **939,128** |
| **Infiq** | | | | | |
| Is-Salarji | 26.79 | 256,090 | 30,892 | 17.13 | 225,198 |
| Manutenzjoni u Xogħolijiet | 5.20 | 49,686 | (107,070) | 11.92 | 156,756 |
| Servizzi Kuntrattwali | 20.19 | 192,965 | (206,851) | 30.41 | 399,816 |
| Amministrazzjoni u Spejjeż oħra | 47.21 | 451,261 | (74,492) | 39.99 | 525,753 |
| Dħul u Spejjeż oħra | 0.61 | 5,873 | (1,237) | 0.54 | 7,110 |
| **Total** | 100.00 | **955,875** | **(358,758)** | 100 | **1,314,633** |
| **Deficit** | | **(116,913)** | **258,592** | | **(375,505)** |

# Konklużjoni

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsilliera, lill-impjegati u lill-ħaddiema tal-Kunsill, kif ukoll l-għaqdiet tal-lokal tal-kollaborazzjoni tagħhom. Dan ix-xogħol kien maħsub, ippjanat u mwettaq mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni u l-ħidma ta' kulħadd.

Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

**ANNESS**

- Rapport ta' ħidma tal-Kunsilliera għas-sena 2025
- Business Plan għas-Snin 2022-2026
- Financial Statements għas-sena 2025